ISSN 1830-513X

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# KESE info

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

Ottubru 2016 | MT



## EDITORJAL
### Aktar unjoni fl-Ewropa tagħna

Għeżież qarrejja,

Ninsab kuntent li l-President tal-Kummissjoni, Jean-Claude Juncker, li ospita s-sessjoni plenarja tagħna ta' Settembru, f'din l-okkażjoni nieda sejħa għal aktar unjoni fl-Ewropa tagħna. Huwa ġibed l-attenzjoni għall-effetti negattivi tal-firda u fakkar ġustament f'għadd ta' kisbiet dovuti għall-Unjoni.

Ħafna drabi, il-mexxejja nazzjonali jieħdu l-mertu għas-suċċessi miksuba filwaqt li jitfgħu l-ħtija fuq "l-Ewropa" għall-fallimenti. Hija din il-loġika ta' firda li qed naraw tinfirex, jum wara jum, u li qiegħda tnaqqar mill-ħidma li saret bl-akbar paċenzja tul dawn l-aħħar snin. Madankollu, l-egoiżmu, in-nazzjonaliżmu u l-introspezzjoni diġà swew ħafna lill-kontinent tagħna.

Huwa f'idejna, l-Ewropej involuti fil-livelli kollha, li nuru li l-Ewropa tista' tirnexxi u jkollha ambizzjonijiet. Huwa f'dan il-kuntest li l-membri tal-Kumitat impenjaw ruħhom li, fuq talba tal-Kummissjoni, iwettqu konsultazzjoni wiesgħa tas-soċjetà ċivili Ewropea dwar il-proġett "pilastru tad-drittijiet soċjali" tal-Unjoni Ewropea. Din l-Ewropa soċjali tista' tinbena fuq id-diversità tas-sistemi ta' protezzjoni fil-livell nazzjonali, iżda għandha timmira wkoll lejn "l-armonizzazzjoni fil-progress". Fi kliem ieħor, is-sitwazzjoni ma tistax tmur għall-agħar, għal ħadd: jeħtieġ li titjieb kullimkien, għal kulħadd. Dan huwa dak li riedu l-fundaturi tal-Komunità tagħna; dan huwa l-ispirtu tat-Trattati tagħna u huwa l-pjan direzzjonali tagħna.

Il-progress ifisser ukoll li jkollna l-kuraġġ nimpedixxu l-eċċessi. Ninsab kuntent għalhekk li l-assemblea plenarja tal-Kumitat tagħna adottat Opinjoni li tikkundanna l-ippjanar aggressiv tat-taxxa applikat mill-kumpaniji multinazzjonali. Il-prattiki msemmija jnaqqru somom sostanzjali mid-dħul mit-taxxa tal-pajjiżi tagħna u jwasslu għall-inkomprensjoni u l-protesti leġittimi taċ-ċittadini tagħna fil-konfront ta' dak li huma jikkunsidraw ġustament bħala forma ta' ġestjoni xejn trasparenti tal-kummerċ dinji. Jeħtieġ li din is-sistema tinbidel sabiex is-soċjetà inġenerali tibbenefika mill-profitti ġġenerati mill-attivitajiet ekonomiċi li jġibu r-riżq, u mhux biss minoranza żgħira ta' persuni: is-sens ta' frustrazzjoni fost il-poplu – li wieħed jifhmu tajjeb – jirriskja ferm li jqanqal l-introspezzjoni u l-protezzjoniżmu, mentri dak li għandna bżonn verament huwa li l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea jitwettaq għaċ-ċittadini u flimkien magħhom.

**Georges Dassis**
President tal-KESE

## DATI GĦAD-DJARJU

**24-25 ta' Novembru 2016, Vjenna**
Seminar tas-Soċjetà Ċivili dwar il-Midja 2016

**14-15 ta' Diċembru 2016, Brussell**
Sessjoni Plenarja tal-KESE

**15 ta' Diċembru 2016, Brussell**
Ċerimonja tal-Għoti tal-Premju tas-Soċjetà Ċivili

## F'DIN IL-ĦARĠA


2 Il-President Juncker fil-plenarja tal-KESE

3 L-applikazzjonijiet għall-Premju tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE jilħqu rekord assolut!

3 Nikkomunikaw il-migrazzjoni – L-10 Seminar tas-Soċjetà Ċivili dwar il-Midja fi Vjenna


## Il-KESE jinsisti fuq tnaqqis tal-limitu ta' divulgazzjoni tat-taxxa multinazzjonali għal inqas minn EUR 750 miljun

Il-plenarja ta' Settembru adottat opinjoni li għandha fil-mira l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn kumpaniji multinazzjonali, li huwa stmat li jnaqqas id-dħul fiskali tal-UE b'sa **EUR 70 biljun fis-sena**. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasparenza fiskali pubblika tesiġi li kumpaniji multinazzjonali b'fatturat annwali ta' aktar minn EUR 750 miljun jiżvelaw pubblikament it-taxxa fuq id-dħul li huma jħallsu u informazzjoni rilevanti oħra dwar it-taxxa fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż.



Opinjoni dwar it-trasparenza fiskali, ir-relatur Victor Alistar (Grupp ta' Interessi Varji – RO) u il-korelatur Petru Sorin Dandea (Grupp tal-Ħaddiema – RO) waqt id-dibattitu fil-plenarja

Minkejja li japprova l-miżuri l-ġodda, il-KESE stieden lill-Kummissjoni biex gradwalment **tnaqqas il-limitu tal-fatturat ta' EUR 750 miljun:** *"Wara l-protesti pubbliċi ta' dawn l-aħħar snin dwar il-mod kif il-kumpaniji multinazzjonali qed jimmanipulaw it-taxxa, l-UE għandha d-dmir li tindirizza dan it-tħassib, u li din il-miżura tiġi applikata għal biss 15 % tal-kumpaniji multinazzjonali se tpoġġi lill-UE kompletament distakkata mit-tħassib ta' kważi kull ċittadin Ewropew,"* qal ir-relatur tal-opinjoni, **Victor Alistar** (Grupp ta' Interessi Varji – RO).

Barra minn hekk, il-KESE sejjaħ biex **rapporti finanzjarji separati jiġu ppubblikati mhux biss għal kull Stat Membru, iżda wkoll għal kull pajjiż li mhuwiex fl-UE fejn joperaw il-kumpaniji multinazzjonali l-kbar** u sabiex dawn tal-aħħar **jagħmlu disponibbli lista ta' operazzjonijiet imwettqa fil-pajjiżi li mhumiex fl-UE li huma meqjusa bħala rifuġji fiskali,** flimkien ma' data dwar assi u bejgħ.

Il-proposti tal-Kummissjoni ġew imressqa wara l-iskandli tal-Panama Papers u Luxleaks. It-każijiet tal-manipulazzjoni tat-taxxa minn Apple fl-Irlanda, Starbucks fin-Netherlands, u Fiat u Amazon fil-Lussemburgu ukoll xeħtu dawl fuq l-urġenza ta' din il-kwistjoni.

L-informazzjoni addizzjonali li l-KESE jixtieq li tiġi ppubblikata hija parti tal-OECD BEPS (base erosion and profit shifting – erożjoni tal-bażi u trasferiment tal-profitt), li diġà ġie adottat mill-UE u ħafna mill-Istati Membri. Huwa skambju awtomatiku ta' informazzjoni relatata mat-taxxa bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, iżda mhux disponibbli għall-pubbliku.

Il-KESE jirrakkomanda wkoll li **d-data ssir aktar aċċessibbli faċilment** permezz tal-pubblikazzjoni f'reġistru ċentrali f'kull Stat Membru, f'**sistema miftuħa**, f'**format standard fl-UE kollha** u b'**lingwa internazzjonali** ewlenija minbarra l-lingwa lokali, u b'hekk jippermetti aċċess ġenwin għal data għas-suq uniku kollu. (dm)

## L-ipprogrammar nukleari: il-KESE jħeġġeġ lill-UE tadotta strateġija aktar komprensiva

Il-kompetittività, l-ekonomija, is-sigurtà tal-provvista, it-tibdil fil-klima u l-aċċettazzjoni pubblika huma kunsiderazzjonijiet importanti għall-futur tal-enerġija nukleari, skont opinjoni tal-KESE li ġiet adottata fit-22 ta' Settembru 2016.

"Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ma toffrix approċċ ċar u komprensiv għall-futur tal-enerġija nukleari fl-Ewropa", jiddeplora r-relatur tal-KESE **Brian Curtis** (Grupp tal-Ħaddiema, Renju Unit). "Il-kontroversja reċenti dwar Hinkley Point terġa' turi dan: wara d-diżatru ta' Fukushima, iċ-ċittadini tagħna ġustament jesiġu pjanar fit-tul għall-enerġija nukleari. L-Opinjoni tal-KESE tal-lum għandha l-għan li tibbilanċja mill-ġdid l-perspettivi dwar it-taħlita tal-enerġija Ewropea li fl-aħħar mill-aħħar ser tgħin jinkisbu l-impenji tal-Unjoni tal-Enerġija."

Kif stabbilit fl-Artikolu 40 tat-Trattat tal-Euratom, il-KESE huwa l-uniku interlokutur tal-Kummissjoni fit-tfassil tal-programm nukleari illustrattiv għall-UE.



© Shutterstock

L-Opinjoni tiegħu titlob għal reviżjonijiet sostanzjali tal-abbozz ta' proposti tal-Kummissjoni, notevolment biex jiġu inklużi taqsimiet dwar il-kompetittività tal-enerġija nukleari, il-kontribut tagħha għas-sigurtà tal-provvista, it-tibdil fil-klima u l-miri ta' karbonju, l-aċċettazzjoni pubblika, ir-responsabbiltà għal danni nukleari, it-trasparenza u d-djalogu nazzjonali effettiv.

Fir-rigward tal-aċċettazzjoni pubblika, l-Opinjoni tindika li "il-varjazzjoni wiesgħa madwar l-UE dwar l-attitudnijiet pubbliċi rigward l-enerġija nukleari hija realtà li ftit hemm fehim dwarha u għandha effetti sinifikanti fuq l-aċċettabbiltà politika". Għalhekk, il-KESE jitlob għal aktar informazzjoni li għandha tingħata mhux biss dwar it-tħejjija f'każ ta' emerġenza, iżda wkoll dwar kif l-enerġija nukleari tikkontribwixxi għal taħlita ta' enerġija bbilanċjata u li ma tagħmilx ħsara lill-klima.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni ġew ippreżentati minn **Pierre-Jean Coulon**, (Grupp ta' Min Iħaddem – FR), President tas-Sezzjoni Speċjalizzata tal-KESE għat-Trasport u l-Enerġija, lil dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati ewlenin waqt il-Forum Ewropew dwar l-Enerġija Nukleari fit-3 u l-4 ta' Ottubru fi Bratislava. (cad)

www.eesc.europa.eu

# Il-President Juncker fis-sessjoni plenarja tal-KESE: "Ma hemmx biżżejjed unjoni f'din l-Ewropa"

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker ingħata merħba kbira fil-plenarja tal-KESE mis-Sur Georges Dassis, il-president tal-KESE, li assigura lis-Sur Juncker dwar l-appoġġ qawwi tal-Kumitat u enfasizza l-ħtieġa għal Unjoni Ewropea li tkun qrib iċ-ċittadini tagħha u li taħdem għalihom u għal aktar solidarjetà fl-Ewropa.

Matul din it-tieni żjara tiegħu fis-sessjoni plenarja tal-KESE, is-Sur Juncker mexxa dibattitu mal-membri tal-KESE dwar l-istat tal-Unjoni Ewropea. Huwa nnota li "l-Ewropa mhix sejra tajjeb. Madankollu, aħna spiss niffokaw ukoll biss fuq l-aħbarijiet ħżiena. Huwa minnu li l-qgħad huwa għoli wisq fl-Ewropa, iżda mill-2010 'l hawn l-Unjoni Ewropea ħolqot 8 miljun impjieg". Fir-rigward tal-kriżi tal-migrazzjoni, huwa stieden lill-Istati Membri biex jerfgħu sehemhom mill-piż li attwalment qed iġorrbu l-Italja, il-Greċja u Malta.

Luca Jahier, president tal-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE, irringrazzja lill-president tal-Kummissjoni għad-determinazzjoni tiegħu u laqa' bi pjaċir il-viżjoni tiegħu għall-ġejjieni stipulata fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew. "Fis-summit Ewropew li jmiss, nixtiequ naraw l-Istati Membri jikkooperaw aktar milli jifirdu. Ilbieraħ kien il-Jum Internazzjonali tal-Paċi, u dan ifakkarna li l-Ewropa tassew ħadmet qatigħ favur il-paċi tagħha. Iżda issa jekk issa mhux se naħdmu kollettivament biex ngħinu lil dawk li qed jaħarbu mill-gwerra, l-Ewropa titlef ruħha. Hija ħasra li l-Istati Membri mhux qed jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom".

Jacek Krawczyk, president tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, innota li "n-negozju huwa parti mis-soluzzjoni u n-negozju jrid li jkun parti mis-soluzzjoni" għall-kriżi ekonomika fl-Ewropa. "Wasal iż-żmien li nibnu mill-ġdid l-intraprenditorija fl-Ewropa, għax huma l-intrapriżi, mhux il-gvern, li għandhom jipprovdu l-impjiegi. L-Ewropa teħtieġ tevita inqas ir-riskji, u tkun iktar innovattiva u iktar intraprenditorjali. Hemm bżonn li n-negozji jkollhom il-libertà li joperaw". Is-Sur Krawczyk ikkonkluda billi saħaq li l-adattabilità hija ta' importanza kbira għas-settur tan-negozju u enfasizza "il-ħtieġa li l-politiki Ewropej jiffokaw fuq il-kwistjonijiet li huma tassew rilevanti għaċ-ċittadini sabiex jinħoloq sens ta' appartenenza fl-UE. Din hija r-responsabbiltà kollettiva tagħna".

Gabriele Bischoff, il-president tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE, qablet mal-analiżi tas-Sur Juncker dwar "il-kriżi eżistenzjali tal-Ewropa u n-nuqqas ta' solidarjetà, unità u sens ta' għan komuni tagħha". Hija enfasizzat l-importanza li jintlaħaq kunsens fi ħdan is-soċjetà ċivili, u appellat għal azzjoni konġunta, għax "il-kliem mhumiex biżżejjed". Dwar il-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali, is-Sinjura Bischoff qalet li minkejja li l-proġett kien għadu mdawwar bl-inċertezzi, "din hija inizjattiva tajba ħafna biex terġa' tinkiseb il-fiduċja, il-fiduċja taċ-ċittadini. Iżda hemm bżonn li noħorġu mill-bużżieqa ta' Brussell, u din hija r-raġuni għalfejn il-KESE nieda serje ta' dibattiti fl-Istati Membri kollha. Dan huwa t-tip ta' proġett pożittiv li se jippermettilna niksbu mill-ġdid l-appoġġ tal-ħaddiema u taċ-ċittadini u għandna jkollna l-kapaċità li ninfluwenzaw il-ġejjieni tax-xogħol". (cad)




Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker u l-President tal-KESE, Georges Dassis waqt id-dibattitu fil-plenarja tal-KESE

## It-taħdidiet dwar it-TTIP – x'inhuma l-kwistjonijiet ewlenin għas-soċjetà ċivili?



© Shutterstock

Il-benefiċċji tat-TTIP għandhom jinħassu mill-SMEs, il-konsumaturi u ċ-ċittadini, skont opinjoni ġdida tal-KESE intitolata *Il-pożizzjoni tal-KESE dwar kwistjonijiet speċifiċi ewlenin fin-negozjati tat-TTIP* adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Settembru. Issa li d-diskussjonijiet dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment waslu f'punt kritiku, l-opinjoni ta' Philippe de Buck (Grupp ta' Min Iħaddem – BE) u Tanja Buzek (Grupp tal-Ħaddiema – DE) tevalwa xi kwistjonijiet ewlenin tan-negozjati u tidentifika l-implikazzjonijiet ewlenin għas-soċjetà ċivili Ewropea. Din tanalizza kif it-tħassib tal-KESE ġie indirizzat s'issa fid-dokumenti ta' pożizzjoni tal-UE u l-proposti mressqa, u toffri rakkomandazzjonijiet dwar aktar kjarifika, assigurazzjonijiet u passi ta' prekawzjoni.

Tingħata attenzjoni partikolari għall-kapitoli tal-UE dwar il-kooperazzjoni regolatorja, it-tħaffif tad-dwana u l-kummerċ, il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ (TBT) u l-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS). L-opinjoni tal-KESE tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-kooperazzjoni regolatorja (li tinfluwenza madwar 76 % tal-impatt tat-TTIP fuq is-sostenibbiltà) ittejjeb aktar milli ddgħajjef l-istandards soċjali, tax-xogħol u dawk ambjentali.

Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u infurzar biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-istandards ta' sostenibbiltà. Il-Kumitat jitlob ukoll li l-Kapitolu dwar prattiki regolatorji tajbin ma jillimitax id-dritt tal-partijiet li jirregolaw jew jintroduċu proċeduri ekwivalenti għall-proċedura ta' notifika u kummenti tal-Istati Uniti, u jisħaq li jiġu ċċarati aktar l-arranġamenti għall-involviment tal-partijiet interessati rappreżentattivi. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiddiskuti mal-Istati Uniti l-possibbiltà li testi li joħorġu aktar 'il quddiem ikunu disponibbli għall-pubbliku jew, għall-inqas, għall-Grupp Konsultattiv tal-UE. L-opinjoni tirrakkomanda "ħidma aktar dettaljata dwar rekwiżiti għall-immarkar u t-tikkettar" u "iktar assigurazzjonijiet li l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ikel mhux se titbiddel".

Il-KESE għandu rwol istituzzjonali importanti x'jaqdi fin-negozjati tat-TTIP. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li jiġi żviluppat approċċ kooperattiv għall-politika kummerċjali bejn il-Kummissjoni Ewropea u s-soċjetà ċivili. (mm)

## Il-KESE jenfasizza ir-rwol kruċjali tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa 'live-in'

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Settembru, il-KESE adotta opinjoni li tħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jirrikonoxxu l-kontribut importanti tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa 'live-in' (ħaddiema tal-kura tas-saħħa li jgħixu fl-unità domestika fejn jaħdmu) għall-kura fit-tul u biex jirregolarizzaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. **Adam Rogalewski** (Grupp tal-Ħaddiema – PL), relatur tal-opinjoni tal-KESE, enfasizza li "l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa 'live-in' għal wisq żmien baqgħu inviżibbli għal dawk li jfasslu l-politika".

Bħala l-ewwel pass, il-KESE jixtieq iniedi diskussjonijiet dwar definizzjoni komuni għall-professjoni tal-kura tas-saħħa 'live-in'. Din għandha tirrikonoxxi l-kura 'live-in' bħala forma ta' kura fid-dar u tkopri l-arranġamenti ta' impjieg għall-ħaddiema li jgħixu f'residenzi privati. Il-KESE jemmen li l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa 'live-in' għandu jkollhom drittijiet simili għal ħaddiema oħra li joffru kura tas-saħħa fir-rigward tar-remunerazzjoni, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza, is-sigurtà soċjali u d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni.

Is-settur tal-kura tas-saħħa 'live-in' għandu jkun regolat b'mod proattiv biex tiġi żgurata l-protezzjoni




tal-partijiet kollha involuti, biex jiġi implimentat il-prinċipju tal-paga ugwali għal xogħol ugwali u biex jiġi indirizzat id-dumping soċjali u l-isfruttar. Ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Nru 189 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) mill-Istati Membri huma kruċjali. Barra minn hekk, id-drittijiet tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa 'live-in' għandhom jiġu inklużi fir-reviżjonijiet u l-proposti leġislattivi futuri tal-UE u tal-Istati Membri. L-allokazzjoni ta' investiment pubbliku adegwat għandha tiġi garantita, flimkien mar-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki.

Il-KESE għandu l-għan li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha fl-ippjanar tal-politika. Waħda mill-kisbiet prinċipali ta' din l-opinjoni hija li rnexxielha tlaqqa' flimkien l-atturi favur settur tal-kura fit-tul sostenibbli u ekwu u dawk li jippromwovu d-drittijiet tal-ħaddiema u l-migranti. Bħala segwitu għall-opinjoni, il-KESE ser jorganizza **konferenza dwar il-futur tal-kura tas-saħħa 'live-in' fl-Ewropa**, fit-tieni sitt xhur tal-2017.

## PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA

## L-Edukazzjoni finanzjarja għal kulħadd

### Strateġiji tal-edukazzjoni finanzjarja u l-aqwa prattiki fl-Unjoni Ewropea

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ppubblika t-tieni edizzjoni tal-fuljett tiegħu ***L-Edukazzjoni Finanzjarja għal kulħadd***. Il-verżjoni l-ġdida ġiet ippreżentata f'avveniment ta' tnedija fir-Rappreżentanza Spanjola tal-Kummissjoni Ewropea f'Madrid fis-6 ta' Ottubru.

Is-suċċess tal-ewwel edizzjoni, li kienet ħarġet fl-2013 u saret it-tieni l-aktar dokument li tniżżel tal-KESE, ħeġġeġ lill-awtur u inizjatur Carlos Trias Pintó (Grupp III – ES) biex iwettaq dan l-aġġornament, li jinvolvi l-atturi ġodda fil-qasam tal-edukazzjoni finanzjarja. L-għan ta' dan il-manwal ta' prattiki tajbin u strateġiji edukattivi finanzjarji huwa, kif jikteb fid-daħla, Joost Van Iersel (Grupp ta' Min Iħaddem – NL), President tas-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, li "jgħaddi l-għarfien u l-ħiliet lin-nies tal-Ewropa sabiex jagħtuhom is-setgħa biex jieħdu deċiżjonijiet tajba fil-ġestjoni tal-finanzi personali tagħhom."




Il-fuljett huwa disponibbli biex jitniżżel hawn: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-financial-education

# L-Inizjattiva tal-Cloud Ewropea – Nikkondividu l-innovazzjoni biex insaħħu t-tkabbir



© Shutterstock

L-Inizjattiva tal-Cloud Ewropea tal-Kummissjoni għandha l-għan li toħloq infrastruttura tad-data ta' klassi dinjija orjentata lejn il-komunità xjentifika, li għandha tintuża minn riċerkaturi u xjentisti u sussegwentement mis-servizzi pubbliċi, SMEs innovattivi u l-industrija, u dan jagħmilha possibbli li wieħed imexxi, jikkondividi u jerġa' juża data bil-għan li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa. Il-proposta hi parti minn pakkett inizjali dwar il-politika industrijali skont l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, bi pjan finanzjarju ta' EUR 50 biljun, li għandu jiġi implimentat bejn l-2016 u l-2020, u mistennija li toħloq u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn inizjattivi nazzjonali għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija kif ukoll li żżid l-investiment permezz ta' sħubijiet u netwerks strateġiċi.

Fil-21 ta' Settembru 2016, il-KESE vvota favur opinjoni dwar din il-proposta, li saħansitra tagħmel aktar u titlob lill-Kummissjoni **biex tiftaħ il-Cloud għaċ-ċittadini u n-negozji kollha.** Il-KESE jirrakkomanda li l-ħardwer u s-softwer meħtieġa għandhom jiġu akkwistati fl-Ewropa u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tniedi programm kbir, flimkien mal-Istati Membri, biex jiġu żviluppati impjiegi ġodda bi kwalifiki għoljin u x-xjentisti Ewropej li jaħdmu barra mill-UE jitħeġġu jirritornaw lura. Il-Kumitat jindika wkoll il-bżonn li jkun hemm edukazzjoni u taħriġ teknoloġiku għal kull grupp ta' età fi ħdan il-popolazzjoni Ewropea. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa, biex ikunu jistgħu jilħqu pożizzjonijiet ta' livell għoli. Jipproponi wkoll li titnieda konsultazzjoni wiesgħa dwar il-kwistjoni deċiżiva ta' governanza u jissuġġerixxi li jitwaqqaf Portal Diġitali Uniku Ewropew biex innegozji u ċ-ċittadini jiġu offruti qafas leġislattiv ċar u sikur f'dan is-settur strateġiku li qed jinbidel b'mod mgħaġġel.

Mill-2011 il-KESE ressaq għadd ta' rakkomandazzjonijiet li jħeġġu lill-Kummissjoni tieħu miżuri rigorużi u jħeġġu "lill-Ewropa tieħu post minn ta' quddiem f'dan il-qasam promettenti, bl-għajnuna ta' kumpaniji mexxejja". **Is-Sur Antonio Longo** (Grupp ta' Interessi Varji – IT), ir-relatur tal-Opinjoni tal-KESE, qal li "L-Inizjattiva tal-Cloud hija biss l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba". (mr)

# L-10 Seminar tas-Soċjetà Ċivili dwar il-Midja se jiffoka fuq il-komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ser jorganizza l-10 Seminar tas-Soċjetà Ċivili dwar il-Midja, li ser isir fl-Akkademja Diplomatika fi Vjenna, f'inqas minn xahrejn, mill-24 sal-25 ta' Novembru.




Is-suġġett *Nikkomunikaw dwar il-migrazzjoni* huwa l-isfida li ser jindirizzaw u jiddiskutu erba' panels separati li jlaqqgħu fi ħdanhom ġurnalisti, esperti fil-qasam tal-migrazzjoni u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u ta' istituzzjonijiet internazzjonali. Se jieħdu sehem ukoll organizzazzjonijiet ewlenin oħra fil-qasam tal-migrazzjoni, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), in-Nazzjonijiet Uniti u l-imsieħba soċjali Awstrijaċi. L-għan tal-avveniment huwa li jiġu diskussi u jiġi kkunsidrat kif l-għodod tal-komunikazzjoni u l-midja kienu strumentali biex jirrakkontaw l-istorja tal-migrazzjoni lejn u madwar l-Ewropa, u li jingħata tagħlim dwar l-aħjar prattiki ta' komunikazzjoni effettiva dwar din il-kwistjoni diffiċli.

B'mod iżjed speċifiku, is-seminar, li għandu fil-mira tiegħu l-ġurnalisti u l-uffiċjali tal-istampa u l-komunikazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lil min iħaddem, il-ħaddiema u organizzazzjonijiet soċjali, okkupazzjonali, ekonomiċi u kulturali oħra, ser jagħtu ħarsa lejn l-aspetti tal-komunikazzjoni b'rabta mal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-applikanti għall-ażil, u r-rwol ta' dawk li jfasslu l-politika fil-komunikazzjoni dwar il-kriżi tal-"migrazzjoni".

Jekk inti interessat tattendi jekk jogħġbok ikkuntattja pressofficers@eesc.europa.eu

# Numru rekord ta' applikazzjonijiet għall-Premju tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE

Sad-data tal-għeluq, dis-sena tressqu **285 proġett** għall-Premju tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, ċifra li hija numru rekord ta' applikazzjonijiet. L-akbar għadd kien mill-Italja, segwit mill-Awstrija u l-Ġermanja. In-numru tal-applikazzjonijiet għall-Premju tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE żdied b'mod stabbli sa mill-bidu umli tiegħu fl-2006 meta tnieda l-premju, meta applikaw biss 15-il proġett għal premjijiet li kienu jammontaw għal EUR 20 000. Dissena, ser jitqassmu **EUR 50 000** fost mhux inqas minn 5 rebbieħa.




It-tema tal-edizzjoni tal-2016 tal-Premju tas-Soċjetà Ċivili hija l-**migranti** li, tul dawn l-aħħar sentejn, kienet prominenti fil-paġni tal-gazzetti, kellha kopertura wiesgħa fuq ir-radju u t-televiżjoni, qajmet dibattiti politiċi u ddominat it-taħdit ta' kuljum; barra minn hekk, ippolarizzat familji, komunitajiet, pajjiżi u l-Ewropa inġenerali.

Madankollu, il-migrazzjoni wriet ukoll x'kapaċi twettaq is-soċjetà ċivili Ewropea: feġġet mewġa ta' solidarjetà massiva u spontanja minn fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll minn individwi, li taw l-appoġġ siewi tagħhom meta kien hemm l-iżjed bżonnu fl-eqqel tal-fluss migratorju u għadhom qed jipprovdu l-għajnuna kruċjali tagħhom issa. Il-KESE jemmen li dan il-kontribut ewlieni jistħoqqlu jiġi rikonoxxut u jixtieq li jippremja dawk il-proġetti li taw lill-migranti u r-refuġjati appoġġ prattiku, soċjali jew psikoloġiku, ipprovdewlhom kenn, għenuhom jintegraw fis-soċjetà ospitanti tagħhom jew ikkontribwixxew għal fehim reċiproku u l-ġlieda kontra l-ksenofobija u r-razziżmu.

L-għadd kbir ta' proġetti mressqin jirrifletti l-impenn qawwi tal-pubbliku Ewropew biex jgħin lin-nies fil-bżonn. Huwa wkoll prova li ċ-ċittadini Ewropej u s-soċjetà ċivili kollha jħaddnu valuri Ewropej bħalma huma s-**solidarjetà u r-responsabbiltà soċjali**.

L-eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet issa ġiet ivverifikata u l-applikanti eliġibbli se jiġu evalwati u magħżula minn kumitat ta' evalwazzjoni magħmul minn erba' membri. Imbagħad, bord tal-għażla magħmul mill-President tal-KESE, il-Viċi Presidenti, il-Presidenti tal-Gruppi u s-Segretarju Ġenerali jagħżel ir-rebbieħa finali. Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet se ssir fil-**15 ta' Diċembru 2016** fi Brussell. (sma/dm)

# Wasal iż-żmien biex jiġu implimentati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, jgħid il-KESE

**"Qed jagħfas iż-żmien għal dinja sostenibbli"** huwa l-appell tal-KESE lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex finalment ikomplu bl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Din l-aġenda għandha tixpruna t-tranżizzjoni tal-ekonomija Ewropea lejn is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza, il-kompetittività u — fl-aħħar imma mhux l-anqas — lejn aktar ġustizzja soċjali. Fl-Opinjoni tiegħu dwar Żvilupp sostenibbli: Immappjar tal-politiki interni u esterni tal-UE, li tfasslet fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea u ġiet adottata fl-21 ta' Settembru, il-KESE jressaq għadd ta' proposti għal oqsma ta' politika ewlenin biex iniedu din il-bidla trasformattiva. Dak li għandna bżonn hu:

- tranżizzjoni ġusta għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, ċirkolari u kollaborattiva;
- tranżizzjoni lejn soċjetà u ekonomija soċjalment inklużivi – xogħol deċenti u d-drittijiet tal-bniedem;
- tranżizzjoni lejn produzzjoni u xejriet ta' konsum tal-ikel sostenibbli;
- l-investiment fl-innovazzjoni u fil-modernizzazzjoni tal-infrastruttura fuq perjodu ta' żmien twil, u l-inkoraġġiment favur negozji sostenibbli; u
- ħidma biex il-kummerċ ikun kompatibbli ma' żvilupp sostenibbli globali.



© Shutterstock

Il-KESE jitlob lill-UE biex tmexxi bl-eżempju f'dan il-proċess diffiċli ħafna madwar id-dinja permezz tal-integrazzjoni tas-sostenibbiltà u tal-inklużjoni soċjali fil-politiki kollha tal-UE.

L-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għandha tinbidel f'narrattiva ġdida konvinċenti għal Ewropa sostenibbli fl-2030. Il-proċess ta' tranżizzjoni għandu jkun xprunat b'rieda politika soda, ikkoordinat minn strateġija globali tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli fit-tul u jkun akkumpanjat minn kampanja wiesgħa ta' informazzjoni sabiex l-Ewropej jiġu involuti fiha. "Neħtieġu li s-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini jkunu msieħba f'dan il-proċess minħabba li fl-aħħar mill-aħħar huma n-nies li jdaħħlu din it-tranżizzjoni fis-seħħ", qalu r-relaturi tal-opinjoni Ioannis Vardakastanis (Grupp ta' Interessi Varji – EL) u Jarmila Dúbravská (Grupp ta' Min Iħaddem – SK).

Il-Kumitat ipproponi li jitwaqqaf Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Ewropew bl-għan li s-soċjetà ċivili tingħata rwol b'saħħtu fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Fil-fehma tal-KESE, l-UE għandha timxi lejn approċċ immexxi minn bosta partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-SDGs, billi tinkludi lill-atturi kollha u 'l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili abbażi tal-prinċipji tal-parteċipazzjoni, ir-responsabbiltà u s-sħubija. Konferenza dwar din il-kwistjoni se ssir fi Brussell fil-5 ta' Ottubru. (sma).

# FIL-QOSOR

## Mistednin fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta'Ottubru



Fl-**20 ta' Ottubru**, fl-10 a.m,**Carlos Moedas**, il-Kummissarju Ewropew għar-Riċerka, ix-Xjenza u l-Innovazzjoni, ser jieħu sehem f'**dibattitu dwar il-programm Orizzont 2020**, l-ikbar programm għall-Finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fid-dinja, b'rabta mal-adozzjoni tal-**Opinjoni tal-KESE** dwar il-**valutazzjoni tiegħu ta' nofs it-terminu**, li għandha tibda issa u mistennija ttemm sal-aħħar tal-2017.

Ir-riżultati tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu ser jintużaw biex jgħin fit-tfassil tal-programm qafas li jmiss. Il-proposta ewlenija tas-Sur Moedas għar-reviżjoni hija l-ħolqien ta' entità ġdida ta' finanzjament li tappoġġja r-riċerka applikata - Kunsill Ewropew għall-Innovazzjoni li jirrifletti s-suċċess tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka bħala finanzjatur ta' xjenza bażika eċċellenti. (dm)

## Flus, impjiegi u ħafna iżjed – il-kontribut tal-kultura lill-Ewropa mill-perspettiva tal-KESE



Kont taf li l-wirt kulturali u l-industriji relatati jimpjegaw 7.8 miljun ruħ fl-UE? Jew li fl-eqqel tal-kriżi l-industriji kreattivi u kulturali kienu qed jikbru b'0.7% fis-sena? Il-KESE għadu kif ippubblika skeda informattiva dwar ir-rwol tal-kultura fl-UE. Fuq il-bażi ta' studju reċenti tal-Grupp ta' Interessi Varji tal-KESE dwar *Il-kultura, il-bliet u l-identità fl-Ewropa*, l-iskeda informattiva tipprovdi l-aħħar data dwar il-kontribut tal-industriji kreattivi u kulturali għall-ekonomija u l-impjieg fl-Ewropa u l-potenzjal tagħhom għal żieda fit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Fl-istess ħin, l-iskeda toffri r-"riċetta" tal-KESE biex l-atturi kulturali u dawk li jfasslu l-politika jibdlu l-kultura f'għodda biex jagħtu spinta lill-koeżjoni soċjali u lill-inklużjoni u jiżviluppaw identità Ewropea dinamika f'Unjoni mifluġa mill-kriżi.

Il-kopji stampati tal-iskeda informattiva huma disponibbli mis-servizz tal-istampa tal-KESE (indirizz elettroniku: press@eesc.europa.eu) (dm)

# L-ekonomija soċjali, jiġifieri l-persuni qabel il-qligħ

## mill-Grupp ta' Interessi Varji

F'Settembru, il-President tal-Grupp ta' Interessi Varji, Luca Jahier, żar l-intrapriża soċjali Belġjana *Les Petits Riens*. L-**ekonomija soċjali** hija kontributur ewlieni tal-ekonomija tagħna minkejja li dan ftit li xejn huwa magħruf, u attwalment, timpjega 'l fuq minn 14-il miljun Ewropew, jiġifieri 6.5% tal-popolazzjoni attiva. L-intrapriżi soċjali bħal *Les Petits Riens* mhumiex organizzazzjonijiet karitattivi, huma jagħmlu profitt bħal kwalunkwe SME oħra – huma jikkontribwixxu b'mod dirett għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir u jipprovdu servizzi li huma meħtieġa ħafna. Madankollu, id-differenza ewlenija hija li l-għan prinċipali tagħhom huwa soċjali: jew fis-servizzi li jipprovdu inkella fil-metodi użati. Għall-Grupp ta' Interessi Varji, is-settur għandu reżonanza enormi u l-potenzjal li jipprovdi servizzi lill-pubbliku li l-Istat jista' ma jkunx f'qagħda li jipprovdi, u matul l-aħħar 15-il sena, il-KESE għen lis-settur jikber, mar direttament fil-qasam u għen biex irawwem alleanzi u jippromovi l-iskambju tal-għarfien, mhux biss fost l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa, iżda fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ukoll. Il-KESE ppromova wkoll b'mod attiv is-settur permezz tal-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej, billi jispjega għaliex u kif għandu jissawwar ambjent finanzjarju u leġislattiv li jipprovdi appoġġ. Il-ħolqien ta' opportunitajiet għaċ-ċittadini, il-protezzjoni tal-benessri tagħhom, l-indirizzar tal-isfidi soċjali u ambjentali lokali u ħtiġijiet lokali mhux sodisfatti – dan huwa l-għan! Ma hemm l-ebda dubju li l-investiment soċjali u l-ekonomija soċjali huma multiplikaturi tat-tkabbir u li dan it-tkabbir jista' jinħass lil hinn mir-reġjuni sal-livell nazzjonali jew saħansitra lil hinn minnu. Kif qal is-Sur Jahier, "Ejja nħarsu lejn il-ġejjieni: ġejjieni ta' responsabilizzazzjoni pubblika, koeżjoni, komunitajiet lokali u solidarjetà."



Il-President tal-Grupp ta' Interessi Varji, Luca Jahier mad-Direttur tal-impjant Petits Riens, Julien Coppens

*Aktar tagħrif dwar il-ħidma tal-Kategorija tal-Ekonomija Soċjali tal-KESE, ippreseduta mill-membri tal-Grupp III Alain Coheur (BE) u Krzysztof Balon (PL) huwa disponibbli hawnhekk:* ***http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.categories-social-economy.*** (cl)



Il-konferenza kienet koorganizzata mill-Grupp ta' Min Iħaddem u l-Unjoni Nazzjonali tal-Impjegaturi tas-Slovakkja

# Aħbarijiet mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

## Il-prijoritajiet tal-Grupp tal-Ħaddiema għall-Presidenza Slovakka




Fit-12 u t-13 ta' Ottubru 2016, il-Grupp tal-Ħaddiema kellu laqgħa straordinarja fi Bratislava. Fost il-parteċipanti kien hemm il-Prim Ministru tal-Islovakkja **Robert Fico**, il-Ministru tal-Ekonomija, **Peter ŽIGA**, u l-Ministru tax-Xogħol, **Ján RICHTER** mal-Presidenza Slovakka li enfasizzaw li l-Presidenza Slovakka ser tkun qed taħdem fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi Ewropej.

Waħda mit-temi ewlenin li kienu diskussi kien il-futur tal-proġett Ewropew u r-riskju li jintilfu r-riżultati miksuba mill-UE f'dawn l-aħħar 60 snin, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Il-panel infetaħ mill-President tal-KESE, Georges Dassis.

It-tieni parti tal-laqgħa ffukat fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-ġlieda kontra d-dumping soċjali, dritt fundamentali difiż b'mod vigoruż mill-Grupp tal-Ħaddiema. (mg)

## Diskors ta' solidarjetà tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE rigward l-għeluq tas-sit ta' Caterpillar f'Gosselies

Wara 50 snin f'Gosselies (Charleroi), il-kumpanija multinazzjonali Caterpillar iddeċidiet li tagħlaq il-fabbrika tagħha bir-riżultat li 2 200 ħaddiem ingħataw is-sensja u probabbilment madwar 4 000 oħra fil-qasam tas-sottokuntrattar fil-periklu li jitilfu l-impjieg tagħhom. Din hija drama soċjali mingħajr preċedent għal reġjun fi proċess ta' riġenerazzjoni.

Il-kumpanija ddeċidiet li tirriloka l-attivitajiet tagħha fi Grenoble fi Franza. Il-ħaddiema Franċiżi diġà esprimew is-solidarjetà tagħhom mal-kollegi tagħhom f'Charleroi u esprimew tħassib serju dwar il-futur tal-impjieg tagħhom f'kumpanija mmexxija purament minn qligħ li b'mod ċar għażlet li tiddefendi l-azzjonisti tagħha minflok il-ħaddiema tagħha.

Aħna wkoll nixtieq


 nesprimu l-appoġġ sħiħ tagħna għal dawn il-ħaddiema kollha, l-organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins, il-politiċi u l-investituri li qed jorganizzaw ruħhom biex jiġi żgurat ġejjieni għal dan ir-reġjun diġà milqut b'mod gravi mill-kriżi li qed tressaq lil reġjun sħiħ lejn sitwazzjoni prekarja.

# Ekonomija ċirkolari — ta' beneficċju għal kulħadd

## mill-Grupp ta' Min Iħaddem

It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari hija essenzjali jekk irridu nħarsu l-pjaneta tagħna, iżda wkoll sabiex tiżdied il-kompetittività tal-industrija Ewropea. Dan huwa proċess fit-tul li jeħtieġ bosta inizjattivi fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Kumpaniji jaraw l-ekonomija ċirkolari bħala opportunità. "L-ekoloġizzazzjoni" hija ta' benefiċċju mhux biss għall-ambjent, iżda wkoll għan-negozji, billi tipprovdi tfaddil reali f'termini ta' materja prima, l-ilma u l-enerġija. Minbarra l-benefiċċji ambjentali u ekonomiċi tagħha, l-ekonomija ċirkolari għandha vantaġġi soċjali, billi toħloq impjiegi ġodda u mudelli ġodda ta' negozju. Dawn huma wħud mill-konklużjonijiet li rriżultaw mill-konferenza ta' *Industrija sostenibbli fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari*, li saret fit-13 ta' Settembru f'Kosice, is-Slovakkja. Kosice intgħażel bħala l-post tal-avveniment minħabba l-fatt li l-industrija lokali hija eżempju effiċjenti ta' tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. L-industrija tal-azzar, ta' importanza kbira għar-reġjun, diġà rreġistrat bosta kisbiet fit-tnaqqis tal-iskart, biż-żieda tal-użu ta' materja prima riċiklata u l-użu ta' materja prima, l-enerġija u l-ilma b'mod aktar effiċjenti. Il-membri tal-Grupp ta' Min Iħaddem kellhom l-opportunità li jaraw eżempji konkreti ta' dan matul iż-żjara tagħhom ta' studju fl-impjant, US Steel Kosice. (lj)

# Il-President tal-KESE fil-konferenza tal-ILO ta' għeluq il-mitt sena li saret f'Ateni u fil-laqgħa mal-President tal-KES tal-Kosta tal-Avorju fi Brussell

Fis-17 ta' Settembru, Georges Dassis tkellem f'konferenza internazzjonali f'Ateni organizzata mill-Ministeru Grieg għax-xogħol, is-sigurtà soċjali u s-solidarjetà soċjali. Il-President tal-KESE ħa sehem f'laqgħa wara stedina mill-Ministru tax-xogħol tal-Greċja, Georgios Katrougkalos, li kien ukoll il-moderatur tad-diskussjoni. Il-konferenza dwar "In-negozjar kollettiv fil-mudell soċjali Ewropew u l-futur tax-xogħol" kienet organizzata bħala parti mill-festeġġamenti fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Fl-20 ta' Settembru fi Brussell, il-president tal-KESE kellu laqgħa ma' delegazzjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali (KES) tal-Kosta tal-Avorju, immexxija mill-President tagħha, Charles Koffi Diby, u mal-Ambaxxatur tal-Kosta tal-Avorju fl-UE, Jean Vincent Zinsou.

Dan l-iskambju siewi kien opportunità biex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni u wassal għal deċiżjoni li jiġu żviluppati attivitajiet komuni. Is-Sur Dassis qal li l-KESE għandu r-rieda li jagħti pariri lill-KES tal-Kosta tal-Avorju fuq kwistjonijiet dwar il-funzjonament tiegħu u biex jikkondividu l-esperjenza tal-Kumitat fir-rigward tal-impatt ta' kunsilli ekonomiċi u soċjali, sabiex jagħmel ix-xogħol tiegħu kemm jista' jkun effettiv għall-benefiċċju tas-soċjetà ċivili. (mm)



Il-President tal-KESE, Georges Dassis jieħu b'idejn Charles Koffi Diby, President tal-KES tal-Kosta tal-Avorju


*Il-KESE Info* hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info

**Editur:**
Alun Jones (kap editur)
Daniela Marangoni (dm)

**Kontributuri għal din il-ħarġa:**
Caroline Alibert-Deprez (cad)
Chloé Lahousse (cl)
Daniela Marangoni (dm)
Leszek Jarosz (lj)
Margarita Gavanas (mg)
Margarida Reis (mr)
Milen Minchev (mm)
Silvia M. Aumair (sma)

**Koordinazzjoni:**
Daniela Marangoni

**Edizzjoni magħluqa fit-13 ta' Ottubru 2016**

**Indirizz:**
European Economic and Social Committee
Jacques Delors Building, 99 Rue Belliard, B-1040 Brussels, Belgium
Tel. (+32 2) 546.94.76
Faks (+32 2) 546.97.64
Posta elettronika: eescinfo@eesc.europa.eu
Internet: http://www.eesc.europa.eu/

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.
Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, Ingliż u Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit web tal-Kumitat:
URL: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info
Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.
Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur..
Numru ta' kopji stampati: 5800 kopja.
Ħarġa li jmiss: Diċembru 2016
STAMPATA FUQ KARTA RIĊIKLATA 100 %

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

QE-AA-16-008-MT-N